# IL-PULIZIJA




VOL. 3
AWISSU '79
Nru. 4




Il-Bank għandu parti importanti ħafna fil-ħajja ta' kull familja.

Għaliex huwa iżjed minn post fejn sempliċiment tpoġġi l-flus ħalli jkollok moħħok mistrieħ.

Il-Mid Med Bank għandu uffiċċjali mħarrġin biex jgħinuk f'kull xorta ta' parir fejn jidħlu l-flus. L-ebda problema m'hi kbira wisq għalihom.

Huwa fl-interess tiegħek li tagħraf tuża s-servizzi li joffrilek il-Mid-Med Bank. Kull meta jkollok bżonn parir dwar flus u dak kollu li għandu x'jaqsam mal-flus kellem lill-Manager fl-eqreb fergħa tal-Mid-Med Bank.

**Mid-Med Bank**

**Uffiċċju Prinċipali: 233 Triq ir-Repubblika, Valletta. Tel: 625281**
**38 Fergħa f'Malta u Għawdex.**

Mid-Med Bank
*il-bank tiegħek*

Organu tal-"Malta Police Association"
Ippubblikat minn
Associated News (M) Ltd.
Stampat Mill-Penprint Ltd
Editur — Michael Marshall

# IL-PULIZIJA

Aug '79
V83/4
ROYAL UNIVERSITY OF MALTA MELITENSIA LIBRARY

# INZOMMU L-BUON ORDNI

Minn Patri Felicjan Bilocca Kappuccin.

DAWN il-granet kellna film American fuq il-hajja tal-Pulizija. L-Amerikani jhobbu jaghmluhom films bhal dawn. Bih huma riedu jesponu ghall-pubbliku l-hajja kif jghadduha l-Pulizija, bit-tajjeb u l-hazin taghhom. Ta' Amerikani li huma, ma jhabblux rashom li meta jikkritikaw huma stess lilhom infushom, jipperikulaw li jhajjru l-pubbliku generali jitlef l-istima taghhom. F'kaz tal-pulizija dan ifisser li huma stess inaqqsu hafna mill-istima li n-nies ghandhom ikollhom lejn il-Pulizija, bhala ghassiesa ta' l-ordni pubbliku.

Meta tnaqqas l-istima lejn dawk li suppost ikunu l-ghassiesa ta' l-ordni pubbliku, tkun qieghed tipperikola li d-delinkwenti u l-kriminali u dawk li ma jhobbux l-ordni socjali u morali, iharrku l-ghemil hazin taghhom bi hsara, jew almenu b'theddida, mhux zghira ghall-hajja pacifika u trankwilla tac-cittadini onesti.

*Nostru l-izbalji*

Hawnhekk tidhol il-kwistjoni delikata tal-kazi meta jizbaljaw il-kbar bhal kapijiet, genituri, nies awtorevoli u bhal ma huma l-pulizija wkoll. Il-bicca l-kbira, u sakemm dan ikun possibbli, in-nuqqas ta' dawn l-irjus responsabbli u kbar, aktarx narawhom mistura kemm jista' jkun, kemm fis-socjeta civili u kemm fis-socjeta religjuza, bhal ma hija l-Knisja. Dan sewwa, li, ghaliex ikunu nies importanti, pezzi grossi, irjus kbar, individwi specjali, l-izbalji taghhom nghattuhomlhom?

Hafna jghidulek li LE. Ikun min ikun li jizbalja, xorta l-izball tieghu ghandu jigi mperrec ghall-erbat irjiet u xorta ghandu jiehu l-piena li tisthoqqlu. Hekk jahsbuha dawn it-talin.

Ohrajn jghidulek IVA: l-izbalji ta' nies awtorevoli, ta' kapijiet u ta' nies specjali ghandhom ikunu mistura kemm jista' jkun; mhux ghaliex l-izball u n-nuqqas taghhom, bhala nies kbar, ikun ta' skandlu kbir u provokazzjoni, biex insejhulha hekk, li l-izball taghhom jigi kkupjat minn hafna u hekk issir hsara wisq akbar milli kieku l-izbalji ta' nies bhal dawn gew mistura.

Jiena, inghid ghalija, inzomm mat-tieni kategorija, jigifieri l-izbalji ta' kapijiet, ta' nies ta' importanza specjali, ta' nies li ghandhom responsabbilita' partikulari fil-pajjiz jaqbel li jinsatru kemm jista' jkun, biex is-socjeta' issofri inqas.

M'ghandniex xi nghidu, meta n-nuqqas ta' nies bhal dawn ikun tassew pubbliku, u allura ma jistax jinsatar, allura l-kwistjoni tinbidel: meta jsir pubbliku n-nuqqas taghhom jikkaguna skandlu kbir u agitazzjoni kbira, u allura ghandu jkun ipprocessat u mpatti, riparat, b'kastigi u mizuri kbar, biex kemm jista' jkun, il-hsara kbira taghhom ma tinxteridx wisq fis-socjeta' u biex nies ta' mportanza u specjalita' bhalhom ma jazzardawx jabbuzaw bil-pozizzjoni taghhom bi hsarat kbar ghas socjeta', ghall-kommunita' kollha kemm hi.

*Ikbar dritt, ikbar dmir*

Hawn naraw wahda mir-ragunijiet, ghaliex nghidu sewwa ahna l-Maltin, meta nghidu "ikbar m'int, ikbar emmtek"; li, fi kliem iehor, nistghu nghiduha "ikbar m'int, iktar m'ghandek awtorita', iktar ma tokkupa posizzjoni specjali fil-kommunita, iktar u ikbar hija r-responsabbilita' tieghek li ma tonqosx u ma tabbuzax, ghaliex il-hsara li tista' tikkaguna int tkun wisq ikbar minn dik ta' cittadini ordinarji.

Dawk ghalhekk fostna li ghandna x'importanza partikulari fis-socjeta' u li ghalhekk, ftit jew wisq, ingawdu stima ikbar

Tkompli P.9

## EDITORJAL

### IL-'POLICE GENERAL FUND'

FIL-GAZZETTA tal-Gvern ta' nhar it-tlieta, 17 ta' Lulju, 1979 gew imhabbra r-rati godda ta' kontribuzzjoni ghall'Police General Fund' liema fund huwa amministrat mill-Kummissarju tal-Pulizija.

X'inhu dan il-fond u ghaliex qed iservi ghidna kemm il-darba u ma naghmlux hazin jekk nerrghu nirrepetu dak li diga' ghidna. Il-'Police General Fund' gie mwaqqaf fl-1919 wara zidiet fil-pagi u allowances tal-pulizija u l-iskop ta' dan il-fond kien dak li gie msejjah ta' beneficcju ghall-Korp. Illum l-iskop tieghu baqa' l-istess, izda rridu nziedu li barra milli hu ta' beneficcju ghall-Korp huwa wkoll ta' beneficcju ghall-membri tieghu.

Il-kontribuzzjonijiet ghal dan il-fond kienu ta' hames centezmi fix-xahar ghall-'Other Ranks' u 10 centezmi fix-xahar ghall-fizzjali tal-Korp. Meta wiehed iqis dawn ir-rati ta' kontribuzzjoni mal-pagi ta' dak iz-zmien, jara li r-rati kienu gholjin u minkejja hafna zidiet fil-pagi dawn baqghu l-istess.

Issa li zdiedu l-kontribuzzjonijiet, nistennew ukoll xi dgergir u ghaldaqstant naghmlu tajjeb, ghalkemm kif diga ghidna, l-Assocjazzjoni ma tamministrax dan il-fond, kif xi whud jahsbu, li niggustifikaw iz-zidiet fil-kontribuzzjonijiet. Irridu l-ewwelnet nghidu li kif kienu sejrin l-affarijiet, kienu se jwasslu li dan il-fond jigi fix-xejn ghaliex kienu hergin flus aktar milli dehlin. Bizzejjed insemmu li ghall-parties tal-Milied kienet qed tinghata lira ghall kull membru tal-Korp fil-waqt li d-dhul kien ikun ta' sittin centezmu. Wiehed ghaldaqstant kellu jara x'jaghmel u jew ineħhi dan il-fond jew jaghmel rati ta' kontribuzzjonijiet ghola.

Izda issa li zdiedu l-kontribuzzjonijiet nixtiequ naraw aktar ghajnuniet finanzjarji lill-membri tal-Korp li tassew ikollhom bzonn b'mod specjali minhabba mard kif ukoll twaqqif ta' kumitat li jressaq it-talbiet lill-Kummissarju tal-Pulizija li jamministra dan il-fond.


Easysell Furniture
EASYSELL
THE HOME PEOPLE
Topaz Catering
Tel:44355
Easysell Bathrooms
EASYSELL
Mdina Road. Qormi. Telephone: 47413

# Mill-Association

NHAR is-Sibt, 7 ta' Lulju 1979 rapprezentanti tal-Assiociation kellhom laqgha mal-Kummissarju tal-Pulizija fejn gie diskuss;

1. *Aktar laqghat bejn l-Association u l-Official Side*

L-Association talbet biex jinzammu aktar laqghat bejnha u l-official side kif sahansitra ordna l-Prim Ministru Awissu, 1978. Il-Kummissarju approva li jkun hemm aktar laqghat u qal li huwa lest li jisma dawk l-ilmenti li tressaqlu l-Association.

2. *Rinforsi*

Saret talba biex ir-rinforsi li jigu mitluba mid-distretti jigu mqassma sewwa bejn id-divizjonijiet ghaliex kien qed jigri li f'certi divizjonijiet kienu qed jintalbu nies proporzjonalment aktar minn f'divizjonijiet ohrajn.

3. *Roster tal-Pulizija Nisa*

Tressaq ilment mill-Pulizija Nisa stazzjonati fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija li mhux il-Pulizija nisa kollha kienu mdahhla fir-roster ta' ghassa fil-Habs. L-Association talbet biex din l-ghassa tigi maqsuma bejn dawk li x-xoghol taghhom jippermetilhom li jahdmu din l-ghassa.

4. *Ordinanza tal-Pulizija*

Ghal darb'ohra l-Association ghamlet talba biex isir studju bl-iskop li tinbidel l-Ordinanza tal-Pulizija.

5. *Laqghat bejn ufficjali gholja tal-Korp u s-subalterni taghhom.*

L-Association laqghat bil-ferh dak li nkiteb fil-ktieb dwar il-Korp tal-Pulizija fejn il-pulizija se jkollhom parti mit-tmexxija tal-Korp permezz ta' laqghat bejn l-ispetturi u s-suprintendenti u s-subalterni taghhom. L-Association talbet biex jigi pprattikat dan il-principju u tohrog cirkulari fejn jigi spjegat kif u meta ghandhom jibdew dawn il-laqghat.

6. *Uniformi tal-membri tal-kavallerija tal-Pulizija*

Saret ukoll talba biex il-membri tal-kavallerija tal-Pulizija ma jibqghux inaddfu u jillamtaw l-uniformi li jilbsu f'okkazjonijiet ta' skorta a spejjez taghhom u jibda jiehu hsiebhom id-dipartiment.



**ILLEGA "IL-PULIZIJA"**

**Dawk li jixtiequ jillegaw it-tieni volum ta' "IL-PULIZIJA" jistgħu jagħmlu dan billi jieħdu l-magazines fl-Uffiċċju ta' l-Association.**

# DOMINE DIRIGE NOS

**RIFLESSJONI GHAL KULL XAHAR**

Min Hu Kristu Għalija?
Huwa Dak li Jafni,
u għax Jafni Sewwa,
Dejjem lest li jagħdirni u Jgħini

# MUTUAL HELP ASSOCIATION

Il-kontribuzzjonijiet tal-MHA għax-xahar ta' Awissu kienu għall-familji tal-imsemmija ex-membri tal-Korp:—

Ex.Kuntistabbli
Nru 249
Vincent Borg



Ex. Kuntistabbli ▶
Nru 260
Gerald Bell

Ħdimna magħhom f'ħajjithom — ma ninsewhomx wara mewthom.

Agħtihom O Mulej il-mistrieħ ta' dejjem.



# Small outside. Big inside.

Everybody's raving about the Toyota STARLET, the small little car with the great big interior: four adults and their luggage in total comfort.

They rave about how miserly it is with fuel too. And about the unbelievable comfort and handling.

You get the good looks and aerodynamic efficiency of unique AEROBOX styling. And you get world-renowned Toyota quality.

Test-drive our small little big car — Toyota STARLET — at your Toyota dealer today. It's great.




**THE HAPPY ECONOMIZER**

# TOYOTA STARLET

TOYOTA

**MICHAEL DEBONO** *ZEBBUG TEL: 647423*

ROYAL UNIVERSITY OF MALTA LIBRARY

# The Role of the Police in Contemporary Society and the Rights and Duties of Citizens

## Part 1

By J.B. Morgan, B A Assistant Chief Constable Devon & Cornwall Constabulary

In TALKING of the position of the police in contemporary society it is first necessary to identify the type of society we mean; for the character of the society will inevitably reflect the character and function of the police.

In totalitarian or non democratic societies the police function is concerned with a monopoly of power, unchallenged and in a form unacceptable to democratic societies. Here the policeman is above the law, indeed the law may be what the policeman decrees. In such societies the word police is synonymous with terror, repression and unbridled power of a state or regime, wh'ch in itself is all powerful and all pervading.

Therefore I wish to talk about the role of the police in a liberal democratic society, where there is a clearly defined constitutional system of government with separation of powers between the executive, legislature and judiciary, and all the attendant safeguards for the freedom of the individual that denote such democratic societies from their totalitarian and authoritarian counterparts. In such a free democratic society the role of the police is one of clearly defined powers, acting within the rule of law because the liberties of a democratic society are ultimately dependent on the maintenance of the rule of law.

With legal police powers in a democracy come a series of public safeguards, determining how the police function should be carried out, regulations governing the interrogation of suspects, their detention, their rights and privileges e.g. communication with a lawyer, visits by relatives and medical examinations. In fact a framework of legal requirements and procedures that the police must strictly adhere to. Therefore the police function in a liberal democratic society must not only be capable of operational effiency, within this framework of constraints, rules and regulations, but be seen to do so if public confidence in the police is to be maintained. The police are therefore public servants accountable to the society they police for the proper and ethical discharge of their duty. What then is the police function in such a democratic society? The police function is as brad and comprehensive as the structure of society itself. If in a totalitarian and authoritarian regime police are seen as repressive and tyrannical, it follows that in a democracy they must be regarded as the guardian of a free and democratic society, especially when that society is under attack from subversive or terrorist organisations.

No better description of the police function in a democracy, can be found than that of the Royal Commission on the 'Police in Britain in 1962'. 'The police cannot successfully carry out their task of maintaining law and order without the support and confidence of the people. They (the police) act for the community in the enforcement of the law and it is on its enforcement that the liberties of the community rest'. The scope and extent of police duties in modern times was also described by the same Royal Commission as follows:—

(1) The police have a duty to maintain law and order and to protect persons and property.

(2) They have a duty to prevent crime.

(3) They are responsible for the detection of criminals and in the course of interrogating suspected persons, they have a part to play in the early stages of the judicial process acting under judicial restraint.

(4) The police in England and Wales (but not in Scotland) have the responsibility of deciding whether or not to prosecute persons suspected of criminal offences (proviso of prosecution of offences regulations requiring D. of P P. authority and some cases requiring Attorney General's fiat to prosecute).

(5) In England and Wales (but not in Scotland) the police themselves conduct many prosecutions for the less serious offences.

(6) The police have the duy of controlling road traffic and advising local authorities on traffic questions.

(7) The police carry out certain duties on behalf of government departments — for example they conduct enquiries into applications made by persons who wish to be granted British nationality.

(8) They have by long tradition a duty to befriend anyone who needs their help, and they may at any time be called upon to cope with minor or major emergencies.

If one accepts that democracy is a method of choosing and removing Governments by a system of free elections and liberalism is a doctrine for determining what governments should and should not do, and above all for defining the limits to governmental power, then a liberal democratic government although desirable is an extremely fragile institution relying on a varying social contract between state and citizen. Liberal democracies have been particularly vulnerable when weakened by ethnic or religious conflict, by military defeat, by major economic crisis or by an erosion of popular support for democratic values.

The police in such a democratic society are the men and women in the middle, they are the agency closest to the public and therefore above all else they must be sensitive to the feelings and wishes of the majority. They must uphold the


TEL. 674233
Roadhouse Buskett
EVERY NIGHT
INTERNATIONAL CABARET
from 9 P.M.
Starring
and his
PRODUCTION
REVUE
ROADHOUSE OPEN AIR THEATRE
PANTOPUPPETS
presented by
Martin Clifford
DUO SAFRAN
CYCLING ACT
DUO SAFRAN
CYCLING ACT
EVERY MONDAY
BUFFET
DISCO
and
CABARET
PANTOPUPPETS
LOCAL FOLKLORE GROUP
RESIDENT GROUP
AQUARIUS
Recording Star
JOE DALLI

law, but be satisfied that the law is just and right. Because if the majority of the people believe the law to be unjust and oppressive, then the feeling of hatred and injustice brought about by such laws will be turned on the people who enforce such unjust laws. This then is the dilemma facing the policeman in a liberal democratic state, because to effectively perform his function he must have the support and confidence of the majority of the people. Constitutional lawyers talk endlessly about the necessity of an independent judiciary free from political control. How much more necessary to a democracy is an independent Police Force. I would submit equally as important as an independent judiciary.

The police function as we have seen is extremely wide and comprehensive. The police are the main agents of social control and this role of giving help, information and guidance to citizens is never sufficiently publicised. In recent research in Britain and the USA 70% of the Police function in certain areas was found to be concerned with the social aspect of police work, helping people, either the victims of road accidents, helping the victims of assaults and crime, people suffering from mental and other illness, people who are just inadequate and cannot cope with the pressures of modern living, elderly people, people who need help for a variety of social reasons. The police are a 24-hour emergency response organisation; often they are the only organisation available to respond quickly and effectively. Policemen know this and the people we help know also, but it is seldom featured in the press or television.

In Britain we are fortunate to enjoy that degree of independence under the law I have talked about. All policemen in Britain are constables irrespective of their rank which is an independent office, who are 'answerable to the law of the land and the law alone.' Our law has developed from an Anglo Saxon concept of 'collective responsibility', where all citizens were responsible for upholding the law, so there has always been an acceptance that the police rely on the support of he public to carry out their function in society.

To illustrate the degree of public support and co-operation we in Britain enjoy, a few weeks ago in my own police area we asked for volunteers to search a wooded area for a young girl who had disappeared under suspicious circumsances. Six thousand people responded to this local appeal, many of whom were on holiday in the area and had no affinity with the village from which the girl had disappeared. When questioned why they volunteered, many replied that it was their public duty to help the police. I accept that this relationship between police and public is exceptional, but we work at it very hard. For example, in my police area of over a million and a half people which covers over one million hectares we have sixteen police officers permanently on duty visiting schools. This is not a public relations exercise, but a hearts and mind campaign to introduce the concept of the need for laws in our society, and the protection given by these laws to all the citizens in our country. The officers go to the schools in uniform and are allocated lessons in the curriculum where they teach civic responsibilities and have discussion groups with older children. We provide a battery of initiatives in 'non conflict' contact between police and citizens. We provide a Crime Prevention Service which is free where specially trained officers visit premises that have been broken into by thieves and advise on better security measures.

We hold better driving instruction classes with car drivers and motorcyclists, where advanced police drivers and motorcyclists give expert instruction to citizens. There are always more applications than places available on such courses. We present night school lectures on the police and these too are very popular. At certain times, usually once a year we hold 'open days' at police stations where citizens can see and talk to the policemen and policewomen and see radio and forensic equipment. We have a police band (which was founded by my friend John Woodcook). This band plays at concerts and gives displays in the police area throughout the year.

We have a police precision riding motorcycle display team and a display team of police dogs who also appear at public events. All these police officers in the band, the motorcycle and dog display teams are operational officers who take part in displays in addition to their normal duties.

We also encourage our policemen to help in their off duty time with youth clubs, and all young people who undertake the Duke of Edinburgh Award Scheme (which is a national scheme for encouraging initiative in young people) spend part of their course learning about the police role in our society. These and others are some of the police initiatives where police are seen in Britain exercising social leadership; relating to, and working with the community in constantly maintaining and improving our relationships with the public. (My colleague John Woodcook has described the wide range of such initiatives in his paper).

The police in Britain must be professional and competent in the administration of criminal justice and in the investigation of crime, and the prevention of crime and terrorism. We must be able to respond quickly and effectively to events and here again we utilise this special relationship with the population. Throughout Britain we have a very efficient public emergency system utilising the national telephone network. There is a special emergency code 999, by dialling this number from any telephone anywhere in Britain the caller is connected, without payment to an emergency telephone operator.

TO BE CONTINUED.




**Contact Sullivan & Sullivan Ltd., Malta's Cargo and Travel Experts...**

They can forward your personal effects boxes and/or cargo, conventional or containerised to all destinations, at special rates, even to AUSTRALIA, CANADA, UK and USA.

When planning for your holiday in the most economical and practical way, use their Travelmatic Service for any of the following facilities:-

Insured Apex to and from UK. USA and CANADA.
WINDSOR TOURS or any other inclusive tour to and from principal European Countries.
SPECIAL FARES to Australia.

**Sullivan & Sullivan Ltd.**
**150, St. Lucia Street,**
**Valletta.**
Telephone: 624715, 625946 during office hours.
30560, 31628, 31778 after office hours and on holidays.



# DAI Trading Agency

**Kingsbridge Building**

**Msida Circus — Msida**

**Telephone : 37119**

(THE BIGGEST DOMESTIC ELECTRONIC PRODUCTS BUSINESS IN MALTA)

*Representing:*

SONY CORPORATION
JVC-NIVICO CORPORATION
CLARION COMPANY LIMITED
HITACHI CORPORATION
RISING COMPANY LIMITED
FUJITSU-TEN CAR STEREO
GOODMANS LOUDSPEAKERS LIMITED
TANNOY COMPANY LIMITED
B & W COMPANY LIMITED
SPENDOR COMPANY LIMITED

*assure their clients that they always keep in stock about 12,000 different items of spare parts and accessories. Efficient quick repair service of their products is also assured.*

TKOMPLI MINN P.1

minn dawk li nghixu maghhom, ghandna noqghodu attentissimi biex inwettqu sewwa d-dmirijiet taghna, inhaddmu sewwa u mill-ahjar li nistghu l-missjoni fdata f'idejna u nfittxu li nkunu ta' influss ghall-gid u kemm jista' jkun qatt ghad-deni.

Din hija responsabbilta' serja hafna kemm quddiem il-bnedmin, li ghandhom id-dritt kollu josservawna, jezaminawna, jiggudikawna u ghal bzonn anki jikkundannawna, u hemm ukoll, anzi xi haga wisq izjed, quddiem Alla, li jekk ghandna u ngawdu xi stima, xi awtorita', xi setgha ikbar minn ta' bnedmin ohra, dan kollu nafuh Lilu, ghaliex kull don partikulari u kull setgha jigu minn ghandu.

*Il-Pulizija*

Dan kollu li ghedt s'issa nixtieq illum niddedikah lill-Pulizija, billi s-suggett taghna bdejnih minn dak li rajna fil-Pulizija Amerikana. Il-Pulizija ghandhom sehem kbir hafna fit-tmexxija tal-pajjiz. Il-pajjiz jigi mmexxi u rregolat permezz tal-ligijiet tajba li jghamel il-Gvern. Izda, x'jiswew dawn il-ligijiet, li jolqtu eluf kbar ta' nies, jekk ma jkunx hemm min jghasses apposta, biex jara li jkunu osservati u biex jigu korretti u, ghal bzonn, ikkastigati, dawk li ma josservawhomx u li bl-abbuzi taghhom jikkagunaw hsara kbira fil-kommunita', finnazzjon, fil-pajjiz?

U min jaghmlu dan ix-xoghol ghall-osservanza tal-ligijiet, jekk mhux il-Pulizija?

Min hawn naraw kemm hija mehtiega l-Pulizija, ghall-osservanza tal-ligijiet li jzommu lic-cittadini kollha mixjin fil-linja taghhom, ghall-kontroll tal-kriminali, tad-delinkwenti u tal-boloh li jiksru l-ligijiet bi hsara ghas-socjeta' u, fuq kollox, ghall-harsien tac-cittadini onesti, li fl-onesta' taghom iridu jghixu hajja pacifika ghall-paci u gid ta' l-istess socjeta', li meta tkun ordnata tajjeb tghajjex tajjeb lilhom.

Lill-Pulizija ghandna naghtuhom importanza kbira u ghandna ikollna stima kbira lejhom; nittrattawhom b'rispett u, fejn inkunu nistghu, nghinuhom u nikkoperaw maghhom, ghax dan fl-ahhar mill-ahhar, inkunu qeghdin naghmluh ghall-gid taghna stess.

**Basta, m'ghandniex xi nghidu, li l-pulizija jimmeritaw huma stess l-istima u r-rispett taghna.**

Kien hawnhekk li jiena ma tantx hadt pjacir bil-film Amerikan li rajt fuq il-Pulizija. L-Amerikani, kif diga' nnutajt qabel, ihobbu hafna jikkritkaw lilhom infushom. Haga bhal din, minn banda, hija tajba u tiswa ta' gid: ghaliex dak li jkun, jidra li bil-kuragg u s-sincerita' kollha jammetti l-izball tieghu u jasal biex jikkoregihom. Din minn banda, taqbel ma' dak li jghid l-Ispirtu s-Santu, li min jammetti l-izbalji tieghu u jiskuza ruhu minnhom diga' huwa nofsu skuzat.

Mill-banda

Mill-banda l-ohra, pero', jista' jibqa' l-periklu li l-izbalji li ahjar jibqghu mistura, inxerrduhom ahna stess u forsi naghmlu izjed hsara milli gid.

Tajjeb ghalhekk, li fil-kaz taghna, ma noqghodu nippubblikaw xejn l-izbalji tal-pulizija, inhalluhom kemm jista' jkun mistura; basta pero', u dan ghandna nippretenduh bid-dritt kollu, li huma jghassu huma stess fuqhom infushom, biex ikunu korretti u bla zbalji kemm jista jkun fl-osservanza tal-ligijiet. L-imgieba tajba taghhom tghin ghall-bon ordni b'risq komunita' tajba li trid ixxettel u tkabbar dejjem cittadini kemm jista' jkun ahjar.

*Ahna lkoll*

Dan kollu ghal-bon ordni. Minghajru, pajjiz ma jimxi tajjeb qatt. U izjed ma l-ordni ikun tajjeb, imhares tajjeb u kontrollat tajjeb, izjed ikun hemm tama qawwija, anzi certezza morali ta' gid u progress ghall-pajjiz.

Jaqblilna ghalhekk nikkoperaw ilkoll kemm ahna, halli naraw ordni mizmum tajjeb f'pajjizna. Dan ikun ghall-gid taghna. Sakemm ahna hajjin, ghandna bzonn dejjem min iharisna, halli nistghu ngawdu d-drittijiet taghna. Dan huwa mehtieg ghal uliedna, li waqt it-trobbija u l-formazzjoni taghhom, ghandhom bzonn iktar mibba l-kbar, li jkunu mharsa minn dawk kollha li jistghu jaghmlulhom hsara. Dan huwa mehtieg ghas-socjeta' kollha, biex din tghin lic-cittadini fl-aspirazzjonijiet gusti taghhom.

Inheggu ghalhekk lill-Pulizija jkunu kemm jista' jkun integri fil-hajja u fil-missjoni taghhom u nweghduhom il-koperazzjoni taghna ghall-gid tal-pajjiz li rridu nghixu fih flimkien.



**L-Ambaxxatur Korejan Mr. Kye Jang Hwan (bil-qieghda fuq il-lemin), il-Kummissarju tal-Pulizija u ufficcjali tal-Korp, u Korejani waqt zjara fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija nhar il-Gimgha 27 ta' Lulju, 1979.**

# Alternattivi ghall-Habs

Minn R C Theuma, Direttur tal-Habs

## L-EWWEL PARTI

*Kelmtejn Qabel*

DAN ir-rapport jiena ghamiltu wara li rajt l-interess li wrew diversi persuni kif ukoll gazzetti lokali fuq il-ktejjeb "Il-Habs u l-Habsin" li jitratta dwar ir-Riforma u r-Rijabilitazzjoni tal-habsin f'Malta. Il-ktejjeb jitkellem ukoll fuq ix-xoghol, it-tahrig u l-kura li jinghataw lill-prigunieri biex dawn, wara li jiskontaw is-sentenza johorgu lura fis-socjeta riformati u cittadini tajbin lesti li jaghtu sehemhom fil-Kommunita.

F'Malta 'ma ghandna xejn x'nahbu dwar kif qed immexxu l-Habs taghna. Anzi wiehed jista jghid li ghandna programm ta' Riforma li gie mfahhar anki minn persuni li jmexxu habsijiet barra minn Malta li gew izuru l-habs ta' Malta. Izda jista' jkun hemm lok ta' ligijiet godda u riformi li bihom jintlahaq l-iskop li ghalih hemm il-habs b'metodi differenti adatti ghaz-zminijiet tal-lum.

Il-hsieb tieghi f'dan ir-rapport huwa li nuri kif jistghu jitjiebu l-alternattivi ghall-habs.

Fil-ligi Maltija, permezz tal-Att Nru. XII tal-1957 dwar il-Probation tal-Hatjin, meta l-Qorti taht certi kundizzjonijiet tkun tal-fehma illi jkun xieraq li jsir hekk lil persuna li tigi dikjarata hatja ta reat minflok ma tikkundannah, iggieghlu joqghod taht issorveljanza ta' Ufficjal tal-Probation ghall-perjodu ta' zmien jew tilliberah taht kundizzjoni.

Huwa ttamat li b'dan ir-rapport jiena tajt il-kontribuzzjoni zghira tieghi biex f'Malta jkollna ligijiet moderni li jissalvagwardjaw lis-socjeta mill-periklu tal-kriminalita u fl-istess hin ma jkunux ta' detriment lejn id-drittijiet tal-individwu.

Permezz ta' l-alternattivi ghas-sentenza tal-habs in-numru tan-nies mibghuta l-habs jibqa' limitat ghal dawk il-persuni vjolenti li jikkommettu kazijiet serji u jistghu jkunu ta' periklu ghas-socjeta u dawk il-hatjin ta' reati inqas serji jpattu tan-nuqqas taghhom b'mezzi ohra barra mill-habs.

7 ta' Gunju, 1979

R. C. THEUMA
DIRETTUR TAL-HABS

*Alternattivi Ghall-Habs*

Fil-pajjizi kollha r-rata tal-kriminilita qed tkompli tikber u relattivament qed tizdied ukoll il-popolazzjoni tal-habsijiet. Matul dawn l-ahhar hames snin in-numru ta' dawk mibghuta fil-habs ta' Malta zdied minn total ta' 181 fis-sena 1975 ghal 355 fis-sena 1978. Izda ta' min josserva li fil-waqt li n-numru ta' dawk li ntbaghtu l-habs ghall-ewwel darba zdied minn 43.20% tal-popolazzjoni fl-1974 ghal 59.71% fl-1978, il-persentagg tar-recidivi naqas minn 56.80% fl-1974 ghal 40.28% fl-1978. In-numru medju ta' kuljum matul l-1978 kien 103.26. In-nefqa ghall-habs telghet minn £M69,724 ghal £M82,903.

L-opinjoni pubblika hija vaga fuq dak li ghandu jsir. Hemm hafna sapport ghall-ideja generali li dawk li jikkommettu offizi kontra s-socjeta' ghandhom jinzammu maqfula fil-habsijiet izda ftit huma dawk li jaqblu li ghandhom jinbnew habsijiet godda minhabba n-nefqa kapitali li trid ghal dan.

Minhabba f'hekk f'hafna pajjizi saru studji u esperimenti biex jitjiebu l-alternattivi ghas-sentenza tal-Habs. Saru kumitati apposta biex jistudjaw kif ghandhom jigu trattati dawk li jinstabu hatja ta' offizi kontra s-socjeta minghajr ma jintaghtu l-habs.

*Il-Kumitat tal-Ministri*

Fid-9 ta' Marzu 1976 il-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa adotta rezoluzzjoni (Nru. 76/10) li tirrikmanda lill-Gvernijiet tal-Istati Membri "li jezaminaw il-legislazzjoni taghhom bil-hsieb li jnehhu xi ostakoli halli jameljoraw alternattivi flok sentenza ta' habs u biex ikomplu jiz-viluppaw alternattivi ga ezistenti."

Kull alternattiva flok sentenza ta' habs trid tinvolvi lis-socjeta b'xi mod jew iehor ghax kull min jintbaghat il-habs sew jekk ghal ftit xhur jew ghal snin jerga jmur lura fis-socjeta wara li jiskonta s-sentenza tieghu u ghal-hekk is-socjeta nnifisha trid tinvolvi ruhha fil-problema ta' kif l-ahjar se tiddilja mal-hatja.

MIN HU L-HATI?

l-hati huwa dak il-bniedem li gie ppruvat li kiser il-ligi. Il-ksur tal-ligi jista' jkun zghir jew serju u l-kastig ghal dan il-ksur ivarja skond il-kas, minn multa ta' flus sa habs ghal ghomor ta' bniedem; fir-rejalta, il-kastig irid ikun skond l-aggravju tal-offiza.

Issa l-glieda kontra l-kriminalita ma ssirx biss bl-arresti, processi u kundanni ta' habs lil kull min jikkommetti xi reat. Imma hemm bzonn aktar minn hekk. L-istrategija tal-glieda tir-rikjedi li jmorru l-habs dawk biss li ma hemmx rimedju ahjar ghalihom u li dawn wara li johorgu minn hemm ma jergghux jikkommettu reati ohra.

Hemm hafna ragunijiet ghax wiehed jikkonkludi li r-rata ta' kriminalita qed tikber. Dan jista' jkun minhabba nuqqas ta' xoghol, zjieda fil-vjolenza fuq il-mezzi tax-xandir, T.V. etc, intolleranza bejn xulxin u affarijiet ohra li jiltaqghu wicc imb'wicc maghhom il-Magistrati, il-politikanti, l-pulizija, social workers u persuni ohra.

*Detenuti fil-Habs*

Hafna minn dawk li jispiccaw il-habs, minbarra dawk li kkommetew reati serji bhal qtil jew serq bi vjolenza, issib li l-Qrati kienu diga' tawhom l-opportunita ta' probation minflok sentenza ta' habs ghal forsi darbtejn jew tlitt darbiet u dawn baqghu fit-triq tal-kriminalita u ghalhekk ma kienx hemm triq ohra ghalihom. Dawn it-talin ma ghandhomx jiehduha kontra s-socjeta. In-numru ta' detenuti — dawk li kienu qeghdin jistennew li jigu processati — matul is-sena 1978 kien ta' 215, cioe 76 aktar minn dawk issentenzjati. Minn dawn hemm fosthom li jinstabu l-habs ghax ma hallsux il-plegg jew ghax il-process taghhom ghadu pendenti.

Hafna minn dawk li hemm il-habs illum bdew il-karriera taghhom meta kienu ghadhom

